## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 9 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 1767/00 AJD*

Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija Royal & Sun Alliance Insurance plc (cessjonarja fid-drittijiet u obbligi tal-kumpanija Sun Alliance & London Insurance plc) bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Christopher Cassar u l-istess Christopher Cassar

vs

John Galea

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Ottubru, 2000, fejn intqal li fis-7 ta' Dicembru, 1999, l-attur Christopher Cassar, assikurat tal-kumpanija attrici, kien qed isuq il-vettura numru FAJ 331 minn Salvu Psaila Street, Birkirkara, bl-intenzjoni li jdur lejn ix-xellug ghal gewwa Triq G' Vassallo. Quddiem din it-triq, gewwa Salvu Psaila Street, kien hemm il-vettura wieqfa LCY 858 ittella' t-tfal tal-iskola. L-attur beda jghaddi minn quddiemha biex jidhol fi Triq G. Vassallo. F'daqqa wahda din il-vettura telqet u baqghat diehla fil-genb tal-vettura tal-attur u ikkagonatilha hsara. L-atturi interpellaw lill-konvenut biex ihallas id-danni fis-somma ta' mitejn u erbghin liri Maltin u sittin centezmi (Lm240.60), kwantu ghal mitejn u hmistax il-lira Maltin u sittin centezmi (Lm215.60) lill-kumpanija attrici sborzatha minnha taht il-polza u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) lill-attur li batihom minn butu, izda ghal ta' xejn. Ghalhekk l-atturi qeghdin jaghmlu din il-kawza li biha qeghidin jitolbu (1) li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-imsemmija kollizzjoni billi grat tort tieghu u ghad-danni konsegwenzjali u (2) li l-konvenut jigi ghalhekk kundannat

ihallas is-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm240.60) fuq imsemmija in linja ta' danni kwantu ghal mitejn u hmistax il-lira Maltin u sittin centezmi (Lm215.60) lill-kumpanija attrici bhala s-somma li sburzat taht il-polza u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) lill-attur bhala s-somma li bata minn butu.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Gunju, 2000, u tal-ittra ufficjali lill-assikuratrici tal-konvenut u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-20 ta' Gunju, 2000, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fejn dan eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u gghandhom jigu michuda stante li l-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza huwa responsabbli ghalih unikament Christopher Cassar peress illi fis-sewqan tieghu kien negligenti, perikuluz, traskurat u naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku bil-konsegwenza li kkawza l-incident awtomobilistiku.

Sema' x-xhieda ta' Joe Mula, rapprezentant tas-socjeta' attrici, Christopher Cassar, PS 492 George Vella, u l-konvenut John Galea.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Dicembru, 1999, gewwa Psaila Street, kantuniera ma' Triq G. Vassallo, B'Kara, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAJ 331 misjuqa minn Christopher Cassar l-assikurat tas-socjeta' attrici, u x-xarabank bin-numru tar-registrazzjoni LCY 858 misjuqa mill-konvenut John Galea.

Illi Christopher Cassar xehed li huwa kien qed isuq fi Psaila Street u ried jidhol fi Triq G. Vassalli. Kien hemm xarabank wieqaf qed jghabbi t-tfal u dan kien qed jimblokka parzjalment Triq G. Vassallo. Malli Cassar beda jdur max-xarabank, dan saq u saret il-habta. Cassar jghid li huwa kien qed isuq fuq is-'second gear' u bil-mod. Id-daqqa tieghu kienet fil-bieba tax-xellug tal-passiggier, filwaqt li l-hsara fix-xarabank kienet fil-fanal u fil-bumper. Dejjem skond Csasar ix-xarabank ma kellux 'indicator' mixghul.

Illi in kontro ezami Christopher Cassar ikkonferma li dak il-hin huwa kien sejjer ghax-xoghol fl-exchange tal-Maltacom li hemm f'dik it-triq izda cahad li kien mghaggel u li malli sehhet il-kollizjoni dahal jigri sabiex jirraporta ghax-xoghol u imbaghad rega' hareg. Huwa qal ukoll li huwa kien tul ta' tlett karozzi wara x-xarabank meta raha tieqaf sabiex tghabbi lit-tfal.

Il-konvenut John Galea xehed li huwa kien wieqaf bil-handbrake mgholli fi Psaila Street kantuniera ma' Triq G. Vassallo sabiex jghabbi t-tfal tal-iskola li kienu qed

jistennew fil-kantuniera.  F'daqqa wahda huwa hass daqqa fuq il-genb tan-naha tieghu u nduna li kienet laqtitu karozza u ghamlitlu hsara fl-indicators, is-side lamp mal-genb tax-xarabank, kif ukoll girfitlu l-genb bil-mera.  Sakemm huwa nixel nix-xarabank ma sabx lix-xufier tal-karozza fil-vettura tieghu u xi haddiema ohra qalulu li dan kien dahal malajr jirraporta ghax-xoghol fit-telephone exchange tal-Maltacom.

Illi in kontro ezami il-konvenut qal li fuq quddiem tax-xarbanak ma kellux hsara. Huwa qal ukoll li fil-mument li sehhet il-kollizjoni kien wieqaf qed jistenna tifel gej jigri.  Huwa kien wieqaf fil-posizzjoni ndikata fl-iskizz ghaliex kien hemm 'crane' li kien qed jaghmel xi xogholijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-posizzjoni fit-triq li ghazel li jieqaf fiha l-konvenut hija indubbjament wahda infelici u inadegwata ghaliex ix-xarabank minnu misjuqa kienet qed timblokka parti sostanzjali mill-entratura ghal Triq G. Vassallo.  It-Tribunal izda ma jidhirlux li l-konvenut b'xi mod ikkontribwixxa ghad-dinamika tal-incident in kwistjoni ghaliex l-assikurat tas-socjeta' attrici xehed li huwa ra x-xarabank tieqaf sabiex tghabbi t-tfal meta kien tul ta' tlett karozzi l-boghod minnha.

Illi l-assikurat tas-socjeta' attrici kkonferma li meta huwa beda l-manuvra sabiex idur max-xarabank sabiex jidhol fi Triq G. Vassalli din kienet wieqfa.  Fil-fehma tat-Tribunal, Cassar ikkalkola hazin meta beda l-manuvra biex idur max-xarabank u fil-fatt il-hsarat fix-xarabank, li effettivament kienu negligibli, huwa fuq il-kantuniera ta' quddiem tax-xarabank.  Cassar biddel id-direzzjoni tieghu minghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex jaccerta ruhu li t-traffiku l-iehor li kien hemm fi Triq Psaila jifhem l-intenzjoni tieghu li jdur fi Triq G. Vassallo.

Illi Cassar isostni li l-konvenut iccaqlaq mill-posizjoni wieqfa, malli huwa beda jdur max-xarabank. It-Tribunal isostni li anki kieku dan huwa minnu, dan gara ghaliex l-istess Cassar m ahax il-mizuri adegwati sabiex jaccerta ruhu li l-konvenut induna li huwa kien ser jibdel id-direzzjoni tieghu u jdur fi Triq G. Vassallo.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal huwa tal-fehma li Christopher Cassar ghandu jitqies unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-atturi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR